ATTI OĦRAJN

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Pubblikazzjoni ta' komunikazzjoni tal-approvazzjoni ta' emenda standard għall-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott għal isem fis-settur tal-inbid, kif imsemmi fl-Artikolu 17(2) u (3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33

(2022/C 31/10)

Din il-komunikazzjoni hija ppubblikata f'konformità mal-Artikolu 17(5) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33 ([1])

KOMUNIKAZZJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA STANDARD

Barbera d'Alba

PDO-IT-A1068-AM04

Data tal-komunikazzjoni: 21 ta' Ottubru 2021

DESKRIZZJONI TAL-EMENDA APPROVATA U R-RAĠUNIJIET GĦALIHA

1. **Barbera d'Alba - iddeżinjat bħala mis-subżona Castellinaldo**

Iż-żona ġeografika ddefinita għad-DOP Barbera d'Alba tinkludi s-subżona msejħa "Castellinando". Din iż-żona b'karatteristiċi uniċi kienet magħrufa tradizzjonalment li hija partikolarment adattata għall-vitikultura u ilha inkluża fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ta' Barbera d'Alba mill-bidu, tant li ilu jiġu prodott inbid bl-isem Barbera Castellinaldo f'din iż-żona sa mill-bidu tas-seklu 20. Fis-snin 90, il-produtturi ngħaqdu flimkien biex jiffurmaw assoċjazzjoni bil-għan li jistabbilixxu regoli aktar restrittivi minn dawk li japplikaw għall-inbejjed koperti mid-DOP. Is-subżona ta' Castellinaldo ġiet iddefinita b'mod espliċitu. Tinkludi l-muniċipalità ta' Castellinaldo d'Alba u parti mill-muniċipalitajiet ta' Vezza d'Alba, Canale, Priocca, Magliano Alfieri, Castagnito u Guarene fil-provinċja ta' Cuneo. Ir-regoli għas-subżona ta' Castellinaldo huma stabbiliti fl-aħħar tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott għall-Barbera d'Alba, b'kundizzjonijiet aktar restrittivi maħsuba biex jenfasizzaw il-karatteristiċi uniċi tagħha. Il-ħamrija ma hijiex daqshekk ramlija u l-art tixbah aktar dik li tinsab fuq il-lemin tax-Xmara Tanaro. F'termini tar-riżalt, l-għoljiet huma aktar ġentili mill-bqija taż-żona koperta mid-DOP. Il-ħamrija hija inqas ramlija iżda l-preżenza tat-tafal tpatti għal dan (Marne di Sant'Agata, saff ta' fossili, Tortonjan ta' Fuq). Is-subżona tirrappreżenta madwar 20 % taż-żona eliġibbli għad-DOP Barbera d'Alba, ekwivalenti għal erja potenzjali ta' 207 ettari bi produzzjoni potenzjali ta' madwar 1 837 000 flixkun.

L-emendi jikkonċernaw l-Artikoli 1 u 9 tal-Ispeċifikazzjoni ġenerali għad-DOP (ir-regoli għas-subżona Castellinaldo u t-taqsima dwar ir-rabta, rispettivament), kif ukoll it-taqsimiet li ġejjin: 4. Deskrizzjoni tal-inbid/inbejjed; 5. Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid; 5.1 Prattiki enoloġiċi speċifiċi u 5.2. Rendimenti massimi għal kull ettaru; 6. Żona tal-produzzjoni tal-għeneb; 8. Rabta mal-ambjent.

2. **Żona tal-produzzjoni tal-għeneb**

— Sabiex tittejjeb iċ-ċarezza, id-deskrizzjoni fl-Ispeċifikazzjoni taż-żona tal-produzzjoni għall-għeneb tad-DOP Barbera d'Alba ġiet ifformulata mill-ġdid biex tinkludi aktar dettalji. Dan għaliex id-deskrizzjoni eżistenti kienet wisq ġenerali. Din hija emenda klerikali li ma tinvolvi l-ebda bidla fid-demarkazzjoni taż-żona ġeografika.

— Il-konfini tas-subżona tal-produzzjoni tal-għeneb Castellinaldo fi ħdan iż-żona tad-DOP Barbera d'Alba ġew deskritti wkoll.

([1]) ĠU L 9, 11.1.2019, p. 2.

L-emendi jikkonċernaw it-Taqsima 4 tad-Dokument Uniku (Definizzjoni taż-żona demarkata).

3. **Deskrizzjoni tar-rabta**

— It-taqsima dwar ir-rabta ġiet estiża biex tinkludi informazzjoni dwar is-subżona Castellinaldo.

— Id-deskrizzjoni estiża tar-rabta fl-Artikolu 9 (Rabta mal-ambjent) tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ġiet inkluża wkoll fit-Taqsima 8 (Deskrizzjoni tar-rabta/rabtiet) tad-Dokument Uniku.

4. **Rendimenti massimi għal kull ettaru**

Ġew miżjuda r-rendimenti massimi tal-għeneb għal kull ettaru għas-subżona Castellinaldo. Dawn huma aktar restrittivi minn dawk li japplikaw għall-inbejjed koperti mid-DOK ġenerali. Din l-emenda tikkonċerna t-Taqsima 5 tad-Dokument Uniku (Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid; 5.2 Rendimenti massimi għal kull ettaru).

5. Emendi klerikali

— Ġew miżjuda referenzi għad-dettalji ta' kuntatt mat-taqsima Informazzjoni oħra tad-Dokument Uniku (il-punti 2.1; 2.2 u 2.5).

DOKUMENT UNIKU

1. **Isem/ismijiet għar-reġistrazzjoni**

Barbera d'Alba

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

DOP – Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta

3. **Kategoriji tal-prodotti tad-dwieli**

1. Inbid

4. **Deskrizzjoni tal-inbid/inbejjed**

1. *Barbera d'Alba, Barbera d'Alba Superiore, Barbera d'Alba Vigna (Kategorija: Inbid)*

DESKRIZZJONI TESTWALI KONĊIŻA

Kulur: aħmar lewn ir-rubin; Aroma: ta' frott u distintiva; Togħma: xotta, mimlija togħma, armonjuża; Qawwa alkoħolika totali minima skont il-volum: 12,00 % sa 12,50 %; Estratt minimu mingħajr zokkor: 23,0 g/l.

Kull parametru analitiku li ma jidhirx fit-tabella ta' hawn taħt jikkonforma mal-limiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE.

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum)	
Aċidità totali minima	4,5 fi grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	

2. *Barbera d'Alba ddeżinjat bħala mis-subżona Castellinaldo u bl-indikazzjoni "Vigna" (Kategorija: Inbid)*

DESKRIZZJONI TESTWALI KONĊIŻA

Kulur: aħmar lewn ir-rubin, iqarreb lejn il-granata biż-żmien; Aroma: ta' frott u distintiva; Togħma: xotta, mimlija togħma, armonjuża, strutturata tajjeb; Qawwa alkoħolika totali minima skont il-volum: 12,50 %; Estratt minimu mingħajr zokkor: 25,0 g/l;

Kull parametru analitiku li ma jidhirx fit-tabella ta' hawn taħt jikkonforma mal-limiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE.

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum)	
Aċidità totali minima	5,0 fi grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	

5. **Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid**

Prattiki enoloġiċi speċifiċi

1. Perjodu ta' tqaddim għall-inbejjed tad-DOP Barbera d'Alba ddeżinjati bħala mis-subżona Castellinaldo

Prattika enoloġika speċifika

— Biex jikkwalifika għad-DOK Barbera d'Alba bid-denominazzjoni tas-subżona Castellinaldo, l-inbid irid jgħaddi minn perjodu ta' tqaddim ta' 14-il xahar, li minnhom mill-inqas sitt xhur iridu jitqattgħu fi btieti tal-injam u tlieta fil-flixkun, li jibdew mill-1 ta' Novembru tas-sena li fiha jinqata' l-għeneb.

Rendimenti massimi għal kull ettaru:

1. Barbera d'Alba, Barbera d'Alba Superiore

10 000 kilogramma għeneb għal kull ettaru

2. Barbera d'Alba ddeżinjat bħala mis-subżona Castellinaldo

9 500 kilogramma għeneb għal kull ettaru

3. Barbera d'Alba u s-subżona Barbera d'Alba Castellinaldo bl-indikazzjoni "vigna"

9 000 kilogramma għeneb għal kull ettaru

6. **Definizzjoni taż-żona demarkata**

L-għeneb maħsub għall-produzzjoni tal-inbid bid-denominazzjoni tal-oriġini Barbera d'Alba għandu jitkabbar fiż-żona tal-oriġini, li tikkonsisti fil-muniċipalitajiet sħaħ ta':

Alba, Albaretto della Torre, Barbaresco, Barolo, Borgomale, Camo, Canale, Castagnito, Castellinaldo, Castiglione Falletto, Castiglione Tinella, Castino, Corneliano d'Alba, Cossano Belbo, Diano d'Alba, Govone, Grinzane Cavour, Guarene, Magliano Alfieri, Mango, Monforte d'Alba, Montelupo Albese, Monticello d'Alba, Neive, Neviglie, Novello, Perletto, Piobesi d'Alba, Priocca, Rocchetta Belbo, Roddi, Roddino, Rodello, S. Vittoria d'Alba, S. Stefano Belbo, Serralunga d'Alba, Sinio, Treiso, Trezzo Tinella, Verduno, Vezza d'Alba; u parti mit-territorju tal-muniċipalitajiet ta' Baldissero d'Alba, Bra, Cortemilia, Cherasco, La Morra, Monchiero, Montà d'Alba, Montaldo Roero, Monteu Roero, Narzole, Pocapaglia, S. Stefano Roero u Sommariva Perno, fil-provinċja ta' Cuneo.

— L-għeneb maħsub għall-produzzjoni tal-inbejjed Barbera d'Alba ddeżinjati bħala mis-subżona Castellinaldo jrid jiġi prodott fi ħdan il-konfini tal-muniċipalità ta' Castellinaldo d'Alba jew f'parti mill-muniċipalitajiet ta' Vezza d'Alba, Canale, Priocca, Magliano Alfieri, Castagnito u Guarene, fil-provinċja ta' Cuneo.

7. **Varjetà jew varjetajiet tad-dwieli li minnhom jinkiseb l-inbid / jinkisbu l-inbejjed**

Barbera N.

Nebbiolo N.

8. **Deskrizzjoni tar-rabta/rabtiet**

Rabta mal-ambjent

A) L-inbejjed Barbera d'Alba għandhom l-oriġini tagħhom fil-"Langhe" (jiġifieri għoljiet twal u baxxi), terminu li xi esperti jsostnu li ġej minn "langues", jiġifieri strixxi ta' art li jiffurmaw kontorni vividi li jvarjaw mal-mogħdija tal-istaġuni. Mill-perspettiva ġeoloġika, dawn l-għoljiet twal u baxxi jmorru lura għall-era Terzjarja jew Ċenożojka, li bdiet kważi 70 miljun sena ilu. Iż-żona tal-produzzjoni tal-għoljiet għoljin fuq ix-Xmara Tanaro hija kkaratterizzata minn lom abjad bit-tufu. Il-biċċa l-kbira tal-art fit-territorju tappartjeni għall-formazzjoni ġeoloġika magħrufa bħala "terreno tortoniano" [ħamrija Tortonjana], waħda mill-14-il saff li jiffurmaw il-ħamrija sedimentarja tal-baċir idrografiku terzjarju tal-Piemonte. Il-ħamrija Tortonjana tipikament tikkonsisti f'saffi ta' ramel u lom. Il-lom griż jagħti fil-blu ma huwiex solidu ħafna u jirriżulta f'serbut għoljiet pjuttost baxxi li jagħtu fl-abjad u li huma ideali għall-vitikultura. Il-varjetà tad-dwieli Barbera hija eżempju mill-ifjen ta' kemm iż-żoni Langa u Roero huma adattati tajjeb għall-vitikultura: hija eċċellenti għat-tqaddim, u fl-istess ħin, għal inbejjed mhux imqaddmin eċċitanti. Prinċipalment titkabbar fuq l-għoljiet tal-Lbiċ, bit-tekniki tat-tħarriġ espalier u taż-żabra Guyot.

B) Id-dettalji tal-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott jirriżultaw essenzjalment jew esklużivament mill-ambjent ġeografiku

L-inbid Barbera d'Alba tal-Kategorija I huwa magħmul bl-użu tal-varjetà Barbera biss. Madankollu, f'xi każijiet, tradizzjonalment jiżdied ammont żgħir ta' għeneb Nebbiolo biex jikkumpensa għall-aċidità li hija tipika tal-varjetà tad-dwieli.

C) Deskrizzjoni tar-rabta kawżali bejn l-elementi msemmija f'(A) u (B). L-inbid Barbera kien meqjus bħala inbid tal-"kampanja" iżda maż-żmien ir-reputazzjoni tiegħu kibret, peress li l-proċessi xierqa tal-produzzjoni tal-inbid urew li jirriżultaw kemm fi nbejjed eċċellenti lesti biex jinxtorbu kif ukoll fi nbejjed strutturati tajjeb li jdumu tajjeb għal żmien medju u li jitqaddmu u jippreservaw, wara ħafna snin, l-aktar karatteristiċi uniċi ta' din il-varjetà tad-dwieli partikolarment ta' preġju u ta' dan it-territorju. Is-subżona Castellinaldo tinsab fuq ix-xatt tax-xellug tax-Xmara Tanaro, fejn is-sawra tal-art hija aktar maħlula u l-komponent ramli huwa ogħla milli fil-muniċipalitajiet l-oħra fejn jiġi prodott il-Barbera d'Alba. Dan l-aspett minn dejjem iddistingwa l-inbejjed prodotti f'din iż-żona, sal-punt li l-kombinament bejn il-Barbera d'Alba u l-Castellinaldo saret dejjem aktar prominenti. L-inbid diġà kien ġie rikonoxxut f'numru ta' pubblikazzjonijiet, fosthom uħud importanti, bħall-Monografija ta' Fantini lejn l-aħħar tas-seklu 19. Il-produtturi fis-subżona Castellinaldo ngħaqdu flimkien biex jiffurmaw assoċjazzjoni lejn l-aħħar tas-snin 90, bil-ħsieb li jadottaw regoli aktar restrittivi minn dawk tal-inbejjed Barbera d'Alba.

9. **Rekwiżiti oħra applikabbli (ippakkjar, tikkettar, rekwiżiti addizzjonali)**

—

Link għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott

https://www.politicheagricole.it/flex/cm/pages/ServeBLOB.php/L/IT/IDPagina/17437